**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

**52/19**

**It-tnejn u ħamsin (52) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar l-11 t'April, 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Falzon | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata: Jum l-Omm
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fil-6.30 ta' filgħaxija.

*2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti tal-51 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti tal-51 Laqgħa**

Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

**3 Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti tal-51 Laqgħa**

3.1 **Minuta 7(c) (i)** – Is-Sindku staqsa lis-Sur Mangani kif kien sejjer fuq il-preparazzjoni fuq l-Isports Day. Is-Sur Mangani nforma lill-membri li wara li is-Segretarju ilu jibgħat diversi korrispondenza lill-Aġenzija Żgħażagħ il-Kunsill għad m'għandux konferma fuq id-data. Għaldaqstant il-preparamenti waqgħu lura. F'dan ir-rigward is-Sindku nforma lill-membri li hu kien sejjer jikkomunika mal-Ministru dwar dan l-andament. Is-Sindku nforma lis-Sur Mangani sabiex il-preparamenti jibqgħu għaddejjin sabiex din l-attivita' sportiva issir fit-30 t'April 2016.

3.2 Minuta 7 (c) (ii) Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li l-attivita' li saret tal-Clean up day kienet waħda ta' suċċess u f'isem il-Kunsill irringrazzja lill-Viċi Sindku lill-Kunsill taż-Żgħażagħ għal din l-inizjattiva. Is-Sindku qal ukoll li irċieva talba mingħand l-istess żgħażagħ sabiex jinqata' ċ-ċitru tal-ġnien u dan jingħata lill-Parroċċa sabiex f'isem il-Knisja jbiegħu u l-flus imorru għar-restawr ta' Santa Venera. Is-Sindku qabel ma din it-talba iżda nforma lill-membri li normalment dan jingħata lill-Għaqdiet Filantropiċi u għaldaqstant l-aħjar nitolbu linja gwida mid-Dipartiment minħabba l-fatt li ser isir qligħ minnu. Is-Sindku qal li ġaladarba jkun hemm l-approvazzjoni tad-Dipartiment, il-Kunsill jilqa' din it-talba.

Il-Membri qablu unanimament.

3.3 Minuta 7(c) (iii) – Is-Sindku talab lis-Sur Darren Carabott sabiex jinforma lill-membri dwar l-attivita tat-tberik tal-annimali. Is-Sur Carabott qal li hu għamel komunikat mal-Kappillan tal-Parroċċa fejn kien issuġġerit sabiex din l-attivita' issir fil-5 ta' Ġunju fl-entratura tal-Istitut Apap fejn ser issir quddies u wara jsir it-tberik. Is-Sindku żied jgħid li f'dan ir-rigward il-Kunsill żgur irid jaħseb għas-siġġijiet u l-PA system. S-Sindku informa lis-Sur Carabott sabiex malli jkollu l-programm jinforma bih lill-Kunsill sabiex b'hekk isiru l-preparamenti meħtieġa minħabba li l-ġurnata ta' qabel ser ikun hawn l-attivita' il-kbira.

3.4 Minuta 7(c) (iv) – Is-Sindku nforma lill-membri li l-attivita tal-400 sena mill-bini tal-Akkwadott ser issir fl-4 ta' Ġunju minħabba l-fatt li fil-ġurnata prevista li kellha issir ser ikun hemm attivitajiet oħra li jistgħu jtellfu l-andament ta' din l-attivita' fejn fosthom ser ikun hemm:

(i) attivita' Medjavali li hija simili ħafna ġewwa l-Imdina fejn ħafna mill-animaturi ser ikunu impenjati għal din l-attivita' li ssir kull sena;
(ii) 5 t'ijiem wara 23 t'April ser tkun inawgurata l-Arkata ta' Wignacourt,
(iii) Farewell Ira Losco.

Il-Membri qablu unanimament

4 **Korrispondenza**

Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill għall-Wirja Nazzjonali tal-Ħortikultura li ser issir is-Sibt 14 u l-Ħadd 15 ta' Mejju, 2016. Is-Sindku nnomina lis-Sur Jason Mangani sabiex jagħmel qoffa mżejna bil-ħaxix Malti għal din l-attivita'. Is-Sur Mangani nforma lis-Sindku għal din is-sena mhux ser ikun jista' jipparteċipa minħabba mpenji oħra. Is-Sindku staqsa lill-Ambaxxatur is-Sur Gianluca Falzon sabiex jipparteċipaw il-Kunsill taż-Żgħażagħ. Is-Sur Falzon qallu li issa jkellem lill-membri tal-Kunsill taż-Żgħażagħ u jagħtina risposta lura bil-parteċipazzjoni tagħhom.

Il-Membri qablu unanimament

5 **Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni**

**5.1** Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

6 **Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 860 sa lment numru 871.

| | |
|---|---|
| 860 | Ħaddiema Assenjati |
| 861 | Ħaddiema Assenjati |
| 862 | Qabel ma jsir ir-*refresh* irid isir l-asfaltar tat-Triq |
| 863.1<br>863.2 | Hemm *zebra crossing* eżistenti fi Triq il-Kappillan Mifsud<br>Għaddejja korrispondenza ma' TM fuq il-bankina. |
| 864 | Ma tistax issir minħabba li hemm waħda aktar l'isfel fi Triq il-Kbira |
| 865 | Grima & Sons |
| 866 | Grima & Sons |
| 867 | Ħaddiema Assenjati |
| 868 | Azzjoni ttieħdet |
| 869 | Tintbagħat ittra |
| 870 | Applikazzjoni mal-Enemalta |
| 871 | Ħaddiema Assenjati |

Fis-7.10 pm waslet is-Sinjura Elizabeth Vella.

7. **Ordnijiet tal-Ġurnata**

**(a) Attivitajiet: Jum l-Omm**

Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li bħal ma sar tul dawn l-aħħar snin il-Kunsill ippropona sabiex issir quddiesa bil-parteċipazzjoni tas-Soċjeta Filarmonika ta Santa Venera u festin żgħir ġewwa Istitut Apap għall-anzjani. Wara diskussjoni kien hemm qbil li din issir is-Sibt 30 t'April, 2016 għal prezz ta' €450.

Il-Membri qablu unanimament

Fis-7.15pm wasal is-Sur Jonathan Brimmer.

**8 Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

**8.1** Ma kienux preżentati l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

**9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

F'din il-laqgħa ma kienx hemm komunikazzjonijiet mis-Sindku

**10 Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju, 2016 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-7.35 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 9|5|2016